# 48. Ir-Rebħa tal-Kappar

Qabel ma La Vallette ħolom li jibni
il-belt illi ġġib ismu, kont titlajja
ġol-blat ta' Xiberras u x-xagħra wiesgħa
bejn port u port;

U meta La Vallette bena s-swar għolja
madwar il-belt imżejna bil-gardjoli,
int, ja Kappar, ma ħriġtx tellief għal kollox
għaliex f'kull ħofra,

F'kull xaqq ta' bejn il-blat u bejn il-ġebel
fejn kien hemm farka trab daħħalt egħruqek,
ħżint l-ilma fihom tul ix-xhur tax-xitwa
u dendilt xuxtek

Bin-nokkli mżejna b'ħafna labar vjola,
u bdejt tiddandan f'dak il-għoli u beraħ
fiż-żiffa ħelwa tfewweġ dejjemija
minn port għal port.

Ma' tul iż-żmien li saltnu l-Kavallieri
int rajt taqtigħat ħorox fl-art u l-baħar
bejn Torok u Maltin, u kemm-il darba
int sfajt maħruq

Min-nar tal-balal u miż-żejt li jikwi
mixħut minn fuq is-swar; 'mma b'dana kollu
minn bejn ix-xquq inbitt aktar kotrani
f'Ġunju ta' wara.

U hekk minn dak iż-żmien kif jasal Ġunju
tarak kull sena xxettel b'ħajja ġdida,
żina tas-swar u l-blat ta' Malta tagħna
fl-inxif tas-sajf.

Għaddew mijiet ta' snin u s-swar ta' Malta
ma baqgħu jiswew xejn għall-ġlied tal-gwerra
u sfaw biss tifkiriet taż-żmien l-imgħoddi
tal-Kavallieri.

Iżda int u ruħek, ruħ ta' ġid u żina
li sserrep fil-ħolqien, għadek tgħix xorta;
u meta s-swar isiru braġ ta' ħerba
fuq ix-xtajtiet,

Int tibqa' tgħix u fuq kull borġ ta' ħerba
titfa' l-egħruq u tikber sewwa sewwa
bħaż-żmien ta' qabel La Vallette ma ħolom
jibni belt ġdida.

Kif kont, Kappar, maħruq bin-nar tal-gwerra
fis-swar ta' Malta, hekk ġejt maħruq fix-xagħri
t'El Alamejn, u mgħaffeġ taħt il-ktajjen
tat-tankijiet.

Iżda għadda wkoll in-nar u r-ragħad tal-bombi
t'El Alamejn, il-beraq tal-kanuni,
il-ġiri u t-twerdin tal-ajruplani,
u ġewwa x-xagħri

Għattejt il-ħofor li ħallew il-bombi,
fiz-zkuk imqaċċta nibtu l-friegħi ġodda,
il-ħaxix kesa l-bċejjeċ tal-kanuni
u l-ajruplani;

Minn flok it-tankijiet jaħartu l-iġmla,
fl-oasi mħarbta reġa' ġelben l-ilma,
tal-palm is-siġar faru bil-għenieqed
ħomor tat-tamar.

Erġajt irbaħt, Kappar, u miegħek rebħet
ir-ruħ li taħji lill-ħolqien bil-ħajja,
bil-ġid u bis-sbuħija, it-tnejn irbaħtu
il-ħarb u l-gwerra.

Is-sliem għalik, Kappar, sa fl-aħħar l-aħħar
int tirbaħ l-aħħar rebħa, u ġewwa d-dinja
ma jkunx hemm ġlied u gwerra u s-sliem isaltan
dejjem ta' dejjem.